# QORTI CIVILI

## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. MHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-5 ta' Frar 2025

**Rikors Nru :60/2024 JPG**

**Kawza Nru:18**

**EM**[1]

**vs**

**JM u b'digriet datat 24 ta' Gunju 2024 gie kjamat in kawza ET**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' EM datat 26 ta' Marzu 2024 li jaqra hekk:

1. *Illi l-attrici iżżewwġet lill-konvenut u prezentement il-partijiet qieghdin jisseparaw minn ma xulxin liema proceduri qieghdin fi stadju ta medjazzjoni;*
2. *Illi nhar f'X cioe matul iż-żwieġ tal-partijiet, twieldet il-minuri illi ngħatat l-isem ta' BM;*
3. *Illi nhar f'Y twieled il-minuri LM;*
4. *Illi nhar F'Z twieled il-minuri GM;*

[1] Korrezzjoni permezz ta' digriet datat 5 ta' Frar 2025 permezz tieghu isem l-attrici EM gie korrett ghal EM u dan fl-atti kollha tal-kawza.

5. *Illi mill-att tat-twelid tat-tlett minuri jirrizulta illi l-minuri ġew irreġistrati fuq il-konvenut JM , peress illi dak iz-zmien kien għadu żewgha, ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kodici Ċivili, kopja originali tal-imsemmi Att tat-Twelid, qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. A, B u C rispettivament;*
6. *Illi l-esponenti hija certa li l-konvenut mhux missier il-minuri u dan ghaliex, l-esponenti ma kellhiex relazzjoni intima mal-konvenut;*
7. *Illi għaldaqstant l-esponenti trid illi l-imsemmi minuri ma jibqawx magħruf bħala ulied il-konvenut stante li huwa mhux il-missier tal-imsemmi minuri;*
8. *Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-konvenut;*

*Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jgħid ghaliex din il-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :*

*1. Tiddikjara illi l-konvenut mhuwiex il-missier naturali tal-minuri BM, LM u GM ahwa M;*

*2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jagħmel il-korrezzjoni opportuna fiċ-ċertifikat tat-twelied tal-minuri BM, LM u GM ahwa M stante illi jirriżulta kjarament illi ma hemm l-ebda relazzjoni ta' paternita` bejn l-konvenut u l-imsemmija tlett minuri;*

*3. Tordna illi l-Atti tat-Twelied jiġu korretti fis-sens illi jiġu mneħħija mill-kolonni rigwardanti "Tagħrif Dwar Missier it-Tarbija", isem u kunjom l-konvenut, il-professjoni, l-eta` u l-konnotati dwar fejn l-istess konvenut twieled u joqgħod, b'mod illi l-minuri jiġu dikjarati ulied missier mhux magħruf, jew iben terza persuna u fil-kolonna rigwardanti il-persuna illi taghmel id-dikjarazzjoni, jiġu mħassra l-kliem "the father", billi jiġi ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jagħmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat illi r-rikors, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-Ligi.

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta' Mejju 2024 (Vide Fol 7) li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent ġie notifikat bil-kawża odjerna iżda huwa ma ġiex imħarrek bħala parti fl-istess kawża u għalhekk mhuwiex sejjer jintavola risposta;*

2. *Illi nonostante l-esponent iħossu doveruż illi ai fini ta' korrettezza jirrileva s-segwenti għal konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u dan mingħajr preġudizzju għal intavolar ta' risposta f'każ illi l-istess esponent jiġi kjamat fil-kawża;*

3. *Ill fl-ewwel lok, mill-informazzjoni fil-poteri tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, r-rikorrenti jisimha 'EM' u mhux 'EM';*

4. *Illi stante illi l-kawża tidher illi tirrelata dwar l-paternità tal-minuri 'BM', 'LM' u 'GM', lkoll aħwa 'M' huma għandhom jiġu kjamati fil-kawża tramite kuraturi deputati stante illi t-tibdil rikjest jirrileta dwar Atti tal-Istat Ċivili tal-istess minuri;*

5. *Illi sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa ċara tal-istat ċivili tal-minuri kif dedotta fl-atti tat-twelid tagħhom, l-esponent iħossu wkoll doveruż jippreżenta kopja taċ-ċertifikati tat-Twelied b'mod sħiħ (u mhux estratt) tat-tliet minuri stante illi r-rikorrenti ppreżentat biss estratt taż-żewġ minuri, liema estratt ma jkollux l-informazzjoni sħiħa ntestata fl-istess Atti tat-Twelied. L-esponent jirrileva illi tenut kont tan-natura tal-azzjoni odjerna, r-rikorrenti għandha tippreżenta tali ċertifikati ab initio u mhux sempliċiment estratt ta' wħud mill-atti li fuqhom tkun qiegħda tintalab korrezzjoni;*

6. *Illi l-esponent jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti dwar it-talbiet tar-rikorrenti, iżda ai fini ta' korretezza l-esponent jirrileva:*

   i. *Fil-konfront ta' dik il-parti tat-tielet talba, fejn r-rikorrenti qiegħda titlob li jiġu mħassra l-kliem "the father" fil-kolonna rigwardanti l-persuna illi tagħmel id-dikjarazzjoni,* ***<u>għandha tiġi rtirata</u>*** *stante li f'dan il-każ id-dikjarazzjoni tat-twelid saret biss mill-Omm, ossia r-rikorrenti, li ġiet imniżżla bħala "The Parent 2" f'tali ringiela;*

   ii. *Di piu', f'każ li jintlaqgħu t-talbiet, għandu jkun hemm qbil dwar il-kunjom li sejrin jassumu l-minuri.* ***<u>F'każ li sejjer jinbidel, għandha ssir talba u ordni speċifika sabiex l-esponent ikun gwidat b'mod ċar meta jiġi biex jagħmel il-korrezzjonijiet fuq l-istess Atti tat-Twelid;</u>***

   iii. *Illi finalment, ikun idoneju anke fl-interess tal-minuri li r-rikorrenti tagħmel talba speċifika sabiex, f'każ li sejrin jintlaqgħu t-talbiet, jitneħħew konnotati oħrajn minn fuq l-Atti tat-Twelid tal-minuri, fosthom* ***<u>id-data u l-post taż-żwieġ bejn r-rikorrenti u l-konvenut</u>*** *ġialadarba l-ulied ikunu sejrin jitniżżlu li għandhom missier mhux magħruf jew iben terza persuna;*

7. *Daqstant għandu l-unur jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u id-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati;

Rat in-nota ta' l-intimat JM datata 30 ta' Mejju 2024 (Vide Fol 9A) li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici illi l-minuri *BM, LM u GM* ma humiex ulied naturali tieghu stante li huwa u l-attrici ilhom separati de facto ghal diversi snin, tant illum illum il-gurnata jghixu hajja kompletament separata minn xulxin u ghandhom familji separati u ghaldaqstant huwa m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Gunju 2024 li permezz tieghu gie kjamat in kawza il-missier naturali tat-tfal minuri indikat fir-rikors, u cioe ET;

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza ET (Vide Fol 12) li taqra hekk:

1. *Illi permezz ta relazzjoni illi l-partijiet ghandhom, twieldu l-minuri BM, LM u GM.*

2. *Illi l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha stante li l-konvenut mhuwiex il-missier naturali tal-minuri BM, LM u GM ahwa M.*

3. *Tordna illi l-Atti tat-Twelid jiġu korretti fis-sens illi jiġu mneħħija mill-kolonni rigwardanti "Tagħrif Dwar Missier it-Tarbija", isem u kunjom l-konvenut, il-professjoni, l-eta` u l-konnotati dwar fejn l-istess konvenut twieled u joqgħod, b'mod illi l-minuri jiġu dikjarati ulied l-esponenti ET u fil-kolonna rigwardanti il-persuna illi taghmel id-dikjarazzjoni, jiġu mħassra l-kliem "the father", billi jiġi ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi jagħmel dawn il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet u kull korrezzjoni u annotazzjoni relattiva.*

*B'Riserva ghall-azzjonijiet da parte taghhom skond il-ligi.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' Novembru 2024 l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (Fol 18).

**Ikkonsidrat:**

Is-segwenti disposizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw ghal kaz odjern:

***68.L-iben imwieled mhux qabel mija u tmenin ġurnata miż-żwieġ u lanqas wara tliet mitt ġurnata minn dak in-nhar li ż-żwieġjiġi maħlul jew annullat, jingħadd li tnissel matul iż-żwieġ.***

***77B.It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġeniturnaturali tal-wild.***

***86A.(1) Il-ġenitur li wiled iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-ġenitur li ma wiledx, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex jigi stabbilit il-ġenitur li ma wiledx u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni tal-ġenitur li ma wiledx fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***

***(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85***

Din il-Qorti rat ukoll illi la l-partijiet u lanqas il-kjamat fil-kawza ma ssottomettew ruhhom ghat-testijiet genetici. Madanakollu, l-artikolu 70A(3) tal-Kap 16 jipprovdi kif gej:

***(3) Fin-nuqqas ta' provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista' tikkunsidra kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata lilha li dik il-Qorti tqis bħala relevanti, inkluż illi tislet inferenzi mill-fatt illi persuna ma tkunx ipprovdiet kampjun ġenetiku minkejja li tkun ġiet ordnata li tagħti dak il-kampjun.***

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjez, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***
>
> ***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

> ***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***
>
> ***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'dana kollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda***

> ***semplicimentformali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha kawza li permezz taghha l-attrici ammettiet illi minkejja li kienet ghadha legalment mizzewga mal-intimat, hija kellha relazzjonijiet intimi mal-Kjamat in kawza u mieghu kellha tlett (3) ulied. Minhabba l-presunzjoni fil-ligi, dawn it-tlett ulied gew registrati bhala ulied il-konjugi tal-attrici u cjoe l-intimat JM . Fir-rikors promotur, l-attrici resqet talbiet sabiex l-ulied jigu mnizzla bhala ulied "missier mhux maghruf" izda sussegwentement, talbet ghal kjamat in kawza ta' ET u t-tnejn qablu u ammettew li t-tfal indikati fir-rikors promotur kienu l-ulied naturali tal-attrici u tal-kjamat in kawza. Min-naha l-ohra l-intimat JM ma sabx oggezzjoni stante li fuq ammissjoni tieghu stess, stqarr li l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal numru ta' snin u llum ghandhom hajja kompletament separata minn xulxin.

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-fatt li f'din il-kawza, id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza jew kien parti mill-istess kif normalment isir. Pero' l-Qorti taghmel referenza ghal kawza ***AB et nomine vs CB u DE***[2] deciza fid-19 ta' Frar 2015 minn din il-Qorti diversament preseduta fejn il-Qorti kellha sitwazzjoni identika quddiehma u ghaddiet sabiex ippronunzjat is-sentenza billi citat il-kawzi fl-ismijiet ***Dolores Bartolo vs Simon Bartolo*** deciza nhar it-22 ta' Frar 2012 fejn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta accettat u laqghat it-talbiet attrici ghall-bdil fic-certifikat tat-twelied minghajr ma gie kjamat in kawza jew imsejjah id-Direttur tar-Registru Pubbliku, kif ukoll ***Adelaide Attard vs Joseph Attard*** deciza nhar it-8 ta' Mejju 2012 fejn ghal darb'ohra, f'kawza ta' paternita', id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza u lanqas kien gie imharrek sabiex jirrispondi ghall-istess. Il-Qorti

[2] Cit Nru 145/2014 AL

tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi mharrek f'kawzi ta' paternita' pero' mill-qari tal-ligi jidher li dan mhux element indispensabbli. Ghalhekk, il-kawza odjerna tista' tipprocedi b'dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet in gudikat issir l-annotazzjoni necessarja sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat relattiv b'mod formali u dan l-obbligu issa jaqa' fuq l-attrici stante li l-Qorti ma tistax taghti ordnijiet diretti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li mhux parti f'din il-kawza.

Fl-ahharnett, fir-rigward tal-ispejjez ta' dawn il-proceduri, din il-Qorti tissolleva illi huwa minnu li l-attrici u l-intimat Magro ma hadux l-isbrigu li jisseparaw formalment ghal numru ta' snin. Cio nonostante, l-intimat JM m'ghandux jehel l-ispejjez stante l-htiega ta' dawn il-proceduri mhiex konsegwenza ta' eghmilu, izda kienet konsegwenza tar-relazzjonijiet tal-attrici ma' terza persuna cioe ET . Ghalhekk il-Qorti ma tqisx li JM ghandu jehel ta' l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-attrici datat 26 ta' Marzu 2024 billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut mhuwiex il-missier naturali tal-minuri BM, LM u GM ahwa M;**
2) **Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelied tal-minuri BM, LM u GM billi jaghmel il-korrezzjonijiet fil-kolonni rispettivi:**

| | |
|---|---|
| **Isem u kunjom missier il-minuri:** | **ET** |
| **Numru ta' identifikazzjoni:** | **W** |
| **Eta' tal-missier:** | **A (Meta twieldet BM)**<br>**B (Meta twieled LM)**<br>**C (Meta twieled GM)** |

| | |
|---|---|
| **Post tat-Twelied:** | **Pieta'** |
| **Post ta' Residenza:** | **G** |
| **Isem u kunjom missier il-missier u jekk hux haj jew mejjet:** | **RT (haj);** |

**3) Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ineħħi isem l-intimat JM kif ukoll l-konnotati kollha tiegħu u jitneħħew ukoll il-kliem "the said" li jinsabu qabel l-isem EM fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-att tat-twelied surreferit;**

**4) Tordna illi t-tlett itfal BM, LM u GM ikunu maghrufa bil-kunjom Tabone;**

**Spejjez a karigu ta' EM u l-kjamat in kawza ET f' porzjonijiet ugwali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**